# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 534

Il-Ħamis, 26 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier (dahal fis-5.45pm)
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREZENZA MILL-PUBBLIKU:

George Refalo – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 534.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 534.32 Komunikazzjoni mis-Sindku

534.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi saret l-applikazzjoni mal-ARPA sabiex isir l-advanced payment ghal Mizura 4.

534.2.2 Ircevejna r-rizultat tal-applikazzjoni ghall-Community Van u tawna €20,760. Peress li dan huwa biss nofs l-ammont li ghandna bzonn, is-Sindku ssuggerixxa illi dak li applikajna ghalih taht l-iskema tat-trakk, nibdlu l-applikazzjoni u ngibuh ghall-Community Van. Dan peress li t-trakk jista' jkun li ma jkollniex bzonnu fil-futur qarib. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u se jsir hekk.

534.2.3 Dwar it-trampoline ta' Gnien il-Familja, din ser tasal ghada peress li kif kien diga' nfurmat il-Kunsill, din kienet inkisret.
Is-Sindku qal illi huwa ffirma l-patt ta' Agrobiodiversita' ghal Ghawdex tal-MIEMA u zied jghid li permezz ta' dan il-ftehim, il-Kunsill jista' jkun f'pozizzjoni li jiggwadanja minn xi fondi.

534.2.4 Group life policy – din kienet diga' giet approvata mill-Kunsill Lokali izda ma stajniex inhallsu peress li kienet ghadha mhix legali. L-AKL infurmatna li issa giet legalizzata u ghalhekk tista' tithallas.

534.2.5 Is-Sindku rringrazzja lil Jo Curtis, Caroline Waters u lil Kercem Youth Group tal-ghajnuna li taw biex setghet tkun success il-Washhouse Event.

534.2.6 Dwar il-pelican lights, is-Sindku qal li bghatna l-pjanta ta' Triq San Girgor u qed nistennew il-pjanta ta' dawk ta' Triq l-Avukat A Calleja minghand il-Perit.

534.2.7 L-iskema ta' Steward giet approvata mid-Dipartiment u qed nistennew sabiex nohorgu l-call.

534.2.8 Dwar l-applikazzjoni tal-iskema kulturali fejn il-Kunsill kien applika biex jaghmel App, din kellna nwaqqghuha peress li kien se jkollna nohorgu hafna aktar fondi bhala running costs tal-App innifisha.

534.2.9 Is-Sindku semma s-sigra tal-palm li hemm fi Triq ix-Xaghri u ssuggerixxa li tiddawwal hekk kif qed isiru x-xogholijiet fuq it-triq bhalissa. Hadd ma sab oggezzjoni.

534.2.10 Il-fanal li konna ordnajna ghal Pjazza Santa Lucija wasal u ser jehel dalwaqt.

534.2.11 Il-Perit Busuttil kellmitna dwar it-talba ta' Kercem Ajax sabiex jiehdu parti zejda mill-pitch tal-bocci. Hija qalet li l-outdoor gym ma joqghodx jekk naghtu l-area li talbu. Madanakollu, il-President ta' Kercem Ajax rega' kiteb lill-Kunsill Lokali fejn qal li jekk jitnehhew il-planters, xorta joqoghdu. Ghalhekk, ergajna bghatna t-talba ta'

Kercem Ajax lill-Perit sabiex tiggwidana hi.

534.2.12 Is-SE ressqet ic-cirkulari tal-DLG dwar is-servizz tal-internet ghal-live streaming. Il-Kunsill iddecieda li nzommu s-servizz tal-GO xorta.

534.2.13 Is-Sindku qal li lbierah kellu laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex fejn anke regghu tkellmu dwar it-trakkijiet tal-barrieri. Is-Sindku qal li sadanittant, l-Avukat tal-Kunsill issuggerixxa illi ma nzommux aktar responsabbilta' ghax din qeghda fuq is-Sindku u fuq is-Segretarju Ezekuttiv u ghandna nibghatu Protest Gudizzjarju minnufih. Is-Sindku pprezenta l-Protest Gudizzjarju u qal li l-Ministru talbu biex ma jipprezentahx u qallu biex jigi l-Kunsill jiltaqa' mal-Kunsill u jaghmlu pjan biex titranga t-triq alternattiva. Is-Sindku ghalhekk talab lill-Kunsill sabiex ikun prezenti ghal din il-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex li se ssir nhar it-Tlieta 31 ta' Awwissu fl-4pm.

534.2.14 Regghet giet diskussa l-problema tar-roundabout ta' Triq Kercem. Is-Sindku qal li wara li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, huwa kien tal-parir li ma nistghu naghmlu xejn aktar peress li s'issa ghamilna dak kollu li stajna. Apparti hekk, lanqas nistghu nibghatu ittri peress li hemmhekk ma jaqax taht il-konfini taghna.

## 534.3 On the Road Exhibition

Is-Sindku qal li ltqajna mas-Sur George Mercieca mill-qasam tal-Kultura li ser itellghu esibizzjoni viziva b'ritratti tal-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta meta l-ahjar li ssir fir-rahal taghna u ddecieda illi ssir mill-1 ta' Marzu 2022 ghat-tliet gimghat li jkunu gejjin u permezz t'hekk, tkun ghaddejja waqt il-festa ta' San Girgor.

## 534.4 Symphony of lights u Fjakkolata 2021

Is-Sindku qal li huwa diga' tkellem mal-Banda sabiex jibdew il-preparazzjonijiet. Tkellem ukoll mal-Kumitat tan-Nar ta' Santa Lucija kemm ghall-ghajnuna taghhom waqt dawn l-attivitajiet u anke ghall-Fjakkolata.

## 534.5 Berga tas-Sahha

Is-Sindku qal li sena ilu kien tkellem mal-Primary Health Care sabiex juzaw il-Berga tas-Sahha ghal sena. Huwa qal li qed isirulu talbiet minn xi NGOs sabiex juzaw il-kamra tal-berga bhalma kienu juzawha qabel ghal xi laqghat. Is-SE kitbet lis-CEO tal-Primary Health Care biex naraw xi hsieb hemm u rrispondiet illi se juzawha zgur sakemm imorru l-berga tar-Rabat. Il-Kunsill jidhirlu li dan ma jistax jigi accettat u ghalhekk ser jitlob laqgha maghhom ghal diskussjoni.

## 534.6 Ilmenti u Suġġerimenti

534.6.1 Is-Sindku semma l-pagamenti ta' Frankie Agius, il-kennies ta' Santa Lucija, u talab

sabiex dawn ma jkollhomx ghalfejn jigu approvati f'kull laqgha izda jithallsu mal-pagi tal-istaff. Din it-talba ressaqha Agius peress li gieli kien qed ikollu jistenna xahar sabiex jithallas. Hadd ma sab oggezzjoni.

534.6.2 Is-SE semmiet id-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha li ghaddiet sabiex hi tkun is-Segretarju tal-Bordijiet tat-tenders li gejjin. Peress li hi ser tkun bil-maternity leave, gie deciz illi s-Sur George Refalo jkun is-Segretarju tal-bordijiet tat-tenders waqt l-assenza tas-Sinjura Marianne Sagona.

534.6.3 Il-Kunsill approva illi ssir applikazzjoni ghal devoluzzjoni tal-parti ta' Triq Qasam San Gorg fejn ser jithawwlu s-sigar.

534.6.4 Is-SE ressqet talba sabiex tapplika ghall-internet key tal-BOV tal-Kunsill Lokali ghas-Sur George Refalo sabiex ikun jista' jamministra l-kontijiet tal-bank sakemm ikun Deputat SE. Kulhadd qabel ma' dan.

534.6.5 Saret talba sabiex jitrangaw zewg bankini fi Triq il-Gojjin. Hadd ma sab oggezzjoni. Resident minn Triq Guzeppi Briffa ha jaqla l-bankina biex jghaddi l-wires minn taht u talab sabiex titranga l-bankina wara. Hadd ma sab oggezzjoni.

534.6.6 Sar suggeriment illi jsiru tabelli gewwa Santa Lucija sabiex jinzamm il-kwiet. Kulhadd qabel maghhom.

534.6.7 Saru zewg talbiet separati sabiex jitrangaw zewg hitan separati f'tal-boroz. Hadd ma sab oggezzjoni.

534.6.8 Is-Sur Horace Vella talab li jitranga bicca hajt fejn il-passagg fejn l-istrument. Sar qbil li jsir.

534.6.9 Is-Sna Abigail Micallef semmiet il-video li kellha f'mohha li jsir minhabba l-Mental Health Awareness tal-Covid. Hija qalet li tkellmet mas-Segretarja tal-President tal-Eurochild is-Sra Marie Louise Coleiro Preca u ghandhom jergghu jiddiskutu.

534.6.10 Is-Sur Paul Mizzi ssuggerixxa illi jibdew isir barriers minflok cones ghal kull meta naghtu permess biex tinghalaq triq. Tal-barriers ghandna nzommu l-flus taghhom, u meta jgibuhom lura, nergghu naghtuhom il-flus lura. Kulhadd qabel ma' dan is-suggeriment u ser isir hekk.

## 534.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 534.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Settembru 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |